**ta' Ħal Qormi,** ħarigħa biċċa biċċa fi **Il-Ħabib** fl-1923 u wara ġabarha fi ktejjeb fl-1930. Fuq l-isfond ta' Ħal Qormi niseġ ukoll ħafna mill-ġrajja tar-rumanz tiegħu **Id-Dinja Rota,** u sa ftit snin ilu, fid-dar li kellu hemmhekk, imgħammra bil-gost bħala dar tal-kampanja, kien iħobb igħaddi biċċa mis-sena, midħla tan-nies il-Qriema li kienu jġibuh bħala wieħed minnhom li laħaq u refgħalhom ġiehhom bil-karriera sabiħa li kellu.

Fl-1946 Ġużè Galea ħtieġlu jmur għal taħriġ u studji speċjalizzati f'Edinburgh, wara li nħatar **Lecturer** tal-Mediċina Legali fl-Università. Imħabbat kemm kien imħabbat bix-xogħol u bl-istudji, żamm dejjem ħaja f'qalbu x-xrara tal-kitba Maltija. F'ittra li bagħatli nhar is-26 ta' Diċembru, 1946 tani ħjiel ta' kif nibet f'moħħu l-ħsieb li jikteb bil-Malti leġġenda bi sfond Skoċċiż:

"Bħalissa qegħdin fil-vakanzi tal-Milied u ftit hemm xogħol fl-Università; għalhekk bdejt mill-lum indur il-postijiet storiċi; dalgħodu mort inżur Edinburgh Castle, li hu l-qofol ta' l-istorja ta' din il-Belt... fih hemm tifkiriet ta' Mary, Queen of Scots, Bruce, James VI of Scotland and I of England, Bonnie Prince Charles, Darnley, Rizzio, eċċ.; f'kelma waħda, fih kull ma jeħtieġ biex wieħed joħroġ rumanz tip Waverley.

"Kif konna qegħdin induru l-kastell il-gwida daħħalna f'sala kbira, il-"banqueting hall", biċċa bini sabiħa u qadima ħafna, għandha s-saqaf ta' l-injam imriffed stil gotiku, tħares lejh jimpressjonak; il-gwida irrakkontalna leġġenda fuq dak is-saqaf, leġġenda sabiħa ħafna; xi darba nġibha fil-'Malti'..."

Sa tmiem is-sena ta' wara l-ħsieb li kellu baqa' jberrinlu f'moħħu. Imbagħad fit-8 ta' Frar, 1948 kitibli hekk: "Fl-aħħar waslet dik l-istorja jew leġġenda li kont semmejtlek. Ara x'jidhirlek minnha u jekk issibha timxi għaddiha lil ta' 'Leħen il-Malti' biex iġibuha fil-perjodiku tagħhom. Biex ktibtha ħtieġli naħtaf il-ħin u l-biċċa l-kbira ħażżiżtha fis-sigħat ta' nofs il-lejl, għalhekk xtaqtek taqraha tajjeb u fejn ma jogħġbokx ħassar u biddel kif jidhirlek għall-aħjar. Tagħmilli pjaċir jekk tarali l-provi tajjeb ħalli l-ismijiet Skoċċiżi u oħrajn proprji joħorġu miktubin tajjeb..."

M'hemmx għalfejn ngħid li l-kitba ma kien fiha xejn xi tbiddel. Jiena qrajt il-leġġenda, li għoġbitni ħafna, u irranġajt mal-Prof. G. Aquilina biex tidher f'**Leħen il-Maitl,** kif tabilħaqq dehret fil-ħarġa ta' Jannar-Marzu, 1978 bl-isem 'Is-Saqaf'.

F'artiklu qasir ma tistax toħroġ kif tixtieq il-kwalitajiet u l-merti



ta' Ġużè Galea. Irrid nagħlaq din il-ġirja ħafifa mal-linji ewlenin tal-ħidma tiegħu letterarja u kulturali billi ngħid illi kieku kellna bi sforz tal-moħħ, inġibu quddiemna l-opra kollha li ħallielna, konna naraw li ġo fiha hemm tħabbat il-qalb ta' Malta fil-ġrajja tal-lum u tal-bieraħ, fil-karattri u fix-xeni tar-rumanzi u tan-novelli tiegħu, fil-kwadri ta' xogħol u ta' snajja' ta' l-imgħoddi, fit-tiġrib tal-mard li ħakem jew għadu jaħkem lil niesna, u fit-tama ta' ħajja aħjar b'riħet it-titjib tas-servizzi tas-saħħa li Ġużè Galea kellu għal qalbu xejn inqas milli kellu l-progress tal-Kitba Maltija.

Isem Ġużè Galea jibqa' mnaqqax fl-istorja tal-Lsien Malti ma' dawk ta' tobba oħra kittieba — ma' ta' Temi Zammit, ta' Ġużè Bonnici u ta' Rużar Briffa.


**SE SSIEFER?**

***Għall-aħjar prezzijiet u servizz***

***irrikorru:***

**DENROSE TRAVEL SERVICE LTD**

**18, TAGLIAFERRO CENTRE, SLIEMA**

**Tel: 35923 jew 511402**